# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Referenza Kostituzzjonali Nru **408/2021 (AD)**

## Il-PULIZIJA

**(SPETTUR RENNIE STIVALA)**

**VS**

## ROKKU SIVE ROCKY AGIUS
## MICHAEL SCIBERRAS
## AMABILE SIVE BILLY GRECH

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella B.A., LL.D b'digriet mogħti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2021 fuq talba ta' Rokku sive Rocky Agius permezz ta' rikors datat dsatax (19) ta' Mejju 2021;

**Fatti tal-Każ**

2. Rokku sive Rocky Agius, flimkien ma' Michael Sciberras u Amabile sive Billy Grech, ġie akkużat talli f'Birżebbuġa, bejn it-13 ta' Frar 2014 u l-14 ta' Frar 2014:

   a. Wettaq serq ta' container bin-numru TEMU 2403485 mimli sigaretti minn ġewwa l-Freeport f'Birżebbuġa, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, lok u valur, u li l-valur tiegħu jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€232.92);

   b. Irrenda lilu nnifsu kompliċi ta' delitt, permezz ta' abbuż ta' awtorita' jew setgħa, u/jew billi ta għodod jew mezzi oħra li bihom sar id-delitt, meta kien jaf li kellhom jiġu hekk użati;

   Li, fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana, flimkien ma' Michael Sciberras u Amabile sive Billy Grech:

   c. Talli fit-13 ta' Frar 2014, ġewwa l-Malta Freeport Terminal, bil-kompliċita' u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' madwar 450 kaxxa sigaretti bla dazju, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazji u taxxa li jkun immisshom jitħallsu fuqhom: 450 kaxxa b'10,000 sigarett kull kaxxa tal-marka EMPIRE ROYALS. Dawn is-sigaretti għandhom valur totali ta' €130,500, Dazju tas-Sisa dovut €675,000, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €75,168 u €158,520.24 rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kinux imħallsa jew kawtelati. Il-merkanzija in kwestjoni ġiet importata f'Malta fit-2 ta' Frar 2014 mal-vapur MV CMA CGM VERDI bil-container TEMU 2403485. Dan bi ksur tal-Artikoli 62(a)(ċ)(e)(f)(p)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-

Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, kif ukoll tal-Artikolu 16(1)(j)(n) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll fuq talba tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, flimkien ma' Michael Sciberras u Amabile sive Billy Grech:

d. Talli fit-13 ta' Frar 2014, ġewwa l-Malta Freeport Terminal, bil-kompliċita' u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' madwar 450 kaxxa sigaretti bla dazju, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazji u taxxa li jkun imisshom tħallsu fuqhom: 450 kaxxa b'10,000 sigarett kull kaxxa tal-marka EMPIRE ROYALS. Dawn is-sigaretti għandhom valur totali ta' €130,500, Dazju tas-Sisa dovut €675,100, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €75,168 u €158,520.24 rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kinux imħallsa jew kawtelati. Il-merkanzija in kwestjoni ġiet importata f'Malta fit-2 ta' Frar 2014 mal-vapur MV CMA CGM VERDI bil-container TEMU 2403485. Dan bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxi fuq il-Valur Miżjud (Att Nru XXIII tal-1998);

3. Mill-atti jirriżulta illi fil-ħmistax (15) ta' Frar 2014, l-applikant Agius għażel illi ma jkollux għajnuna legali qabel jiġi interrogat mill-Pulizija rigward allegat każ ta' serq u reati oħra illi setgħu jirriżultaw mill-investigazzjoni[1]. Sussegwentement, fis-sittax (16) ta' Frar 2014, huwa rrilaxxa stqarrija fil-preżenza tal-Ispettur Rennie Stivala u tas-Supretendent Paul Vassallo[2], wara illi kien ingħata d-debita twissija mill-Ispettur Rennie Stivala fil-preżenza tas-Supretendent Paul Vassallo rigward id-dritt tiegħu illi jżomm is-silenzju u ma jweġibx mistoqsijiet, id-dritt tiegħu illi jikkonsulta avukat qabel jiġi interrogat, u r-regola ta' inferenza;

[1] Vide xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala mogħtija viva voce waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2021, fejn saret referenza għad-dikjarazzjoni a fol 109 tal-proċess tal-kawża kriminali
[2] Vide **Dok RS1** esebit mill-Ispettur Rennie Stivala waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2021

4. Waqt is-seduta tat-22 t'Ottubru 2019[3], Agius għarraf lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali illi kien ser jippreżenta rikors għall-isfilz tal-istqarrija minnu rilaxxjata, u, konsegwentement, b'rikors datat 30 t'Ottubru 2019[4], Agius talab illi l-istqarrija li huwa rrilaxxa fis-16 ta' Frar 2014 ma tibqax ammessa fl-atti tal-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tiegħu, u dan stante illi għalkemm qabel ma rrilaxxa tali stqarrija huwa kien ingħata l-jedd għal parir legali, huwa ma kienx ingħata d-dritt għal avukat waqt ir-rilaxx ta' din l-istess stqarrija, bil-konsegwenza għalhekk illi din l-istqarrija hija inammissibbli;

5. B'digriet mogħti nhar it-23 ta' Jannar 2020[5], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella B.A., LL.D astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' Rokku sive Rocky Agius f'dak l-istadju u pendenti l-eżitu tal-kawża kostituzzjonali *Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello* (Ref. Kost. 38/18), li kienet għadha pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

6. Madanakollu, wara illi dawn il-proċeduri ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Marzu 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella B.A., LL.D għaddiet għad-deċiżjoni rigward it-talba avvanzata minn Rokku sive Rocky Agius bir-rikors datat 30 t'Ottubru 2019, b'dana illi, wara illi kkunsidrat dak illi kien ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello*** u ***Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat***, u dak illi kien ġie stabbilit mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet ***Beuze v. Belgium***, **permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Mejju 2021[6],** iddeċidiet kif isegwi:

[3] Vide verbal a fol 2411 tal-proċess tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 176/2014)
[4] Vide rikors a fol 2418 *et seq* tal-proċess tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 176/2014)
[5] Vide verbal a fol 2449 tal-proċess tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 176/2014)
[6] Vide digriet a fol 2722 *et seq* tal-proċess tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 176/2014)

***Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad it-talba ta' l-imputat Rokku sive Rocky Agius avvanzata bir-Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2019 għall-isfilz ta' l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija fis-16 ta' Frar 2014, iżda tirriserva li 'l quddiem u fl-istadju opportun fil-konsiderazzjonijiet Tagħha tosserva u tapplika l-prinċipji iktar 'l fuq ċitati f'dan id-Digriet dwar l-ammissibilita' o meno ta' l-imsemmija stqarrija minnu rilaxxata mingħajr ma kien assistit minn avukat waqt ir-rilaxx ta' l-istess stqarrija***;

7. B'rikors preżentat nhar id-19 ta' Mejju 2021[7], Agius talab lill-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *"sabiex tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi deċiż jekk id-Digriet datat 10 ta' Mejju 2021 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi – in kwantu ddikjarat li l-istqarrija tiegħu magħmula mingħajr il-presenza ta' Avukat, u kwalunkwe referenza għall-kontenut tal-istqarrija u għal dak li seta' qal mingħajr il-presenza tal-Avukat huma f'dan l-istadju tal-provi tal-esponent ammissibbli – tiksirx id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"*;

8. Fir-rigward ta' din it-talba kif magħmula, waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2021, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti[8];

9. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella B.A., LL.D., wara illi rat l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' Rokku sive Rocky Agius u tal-

[7] Vide rikors a fol 2729-2730 tal-proċess tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 176/2014)
[8] Vide verbal a fol 2733 tal-proċess tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 176/2014)

Prosekuzzjoni, u wara illi rat l-atti proċesswali, permezz ta' digriet mogħti nhar it-28 ta' Mejju 2021[9], iddeċidiet:

> ***Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba avvanzata mill-imputat Rokku sive Rocky Agius avvanzata bir-Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2021 u tirreferi dan il-każ lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex dik il-Qorti tiddetermina jekk id-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti bid-Digriet datat 10 ta' Mejju 2021, fejn it-talba għall-isfilz ta' l-istqarrija rilaxxata minn Rokku sive Rocky Agius fis-16 ta' Frar 2014 mingħajr ma ngħata d-dritt għall-avukat waqt ir-rilaxx tal-istess stqarrija ġiet miċħuda bir-riserva li 'l quddiem u fl-istadju opportun fil-Konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tosserva u tapplika l-prinċipji minnha ċitati fid-Digriet dwar l-ammissibilita' o meno tal-imsemmija stqarrija, tivvjolax id-dritt ta' smigħ xieraq tal-imputat Rokky sive Rocky Agius kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***;

10. Din il-Qorti, b'digriet datat tnejn (2) ta' Lulju 2021, ordnat in-notifika tar-referenza kostituzzjonali lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali, li ngħataw sebat (7) ijiem għar-risposta, u appuntat ir-referenza kostituzzjonali għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Lulju 2021;

11. B'risposta datat tlieta (3) t'Awwissu 2021, l-Avukat tal-Istat qal illi m'hemm l-ebda leżjoni tal-artikoli msemmija, u dan stante illi l-ġurisprudenza fuq dan is-suġġett evolviet b'tali mod illi hija univoka li l-fatt waħdu li stqarrija ttieħdet mingħajr l-assistenza legali ma jirrendihiex prova inammissibbli li għandha tiġi sfilzata, u li l-Qrati penali għandhom l-għarfien u l-għodda kollha sabiex meta jiġu biex jevalwaw il-valur probatorju tal-provi li jkollhom

[9] Vide Digriet tat-28 ta' Mejju 2021 a fol 1 sa 4 tal-proċess tar-referenza kostituzzjonali.

quddiemhom, dan isir anke in konsiderazzjoni tat-tagħlim ġurisprudenzjali tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Il-Qorti**

12. Wara illi reġgħet rat ir-rikors tar-rikorrent Rokku sive Rocky Agius datat dsatax (19) ta' Mejju 2021;

13. Reġgħet rat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datat tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2021;

14. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata tlieta (3) t'Awwissu 2021;

15. Reġgħet rat ix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala, u d-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2021, cioe l-istqarrija rilaxxjata minn Rokku sive Rocky Agius nhar is-sittax (16) ta' Frar 2014 (**Dok RS1**), id-dikjarazzjoni għall-jedd tal-parir legali iffirmata minn Rokku sive Rocky Agius (**Dok RS2**) u l-fedina penali ta' Rokku sive Rocky Agius (**Dok RS3**);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Rokku sive Rocky Agius datata wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2022, u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2022;

17. Rat illi din ir-referenza kostituzzjonali ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

19. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tfakkar illi l-akkużat irrilaxxa l-istqarrija in kwestjoni fis-sittax (16) ta' Frar 2014, u cioe fi żmien meta persuna suspettata kellha

d-dritt tikkonsulta avukat għal siegħa qabel l-interrogatorju, bl-applikazzjoni tar-regola tal-inferenza fil-każ li s-suspettat jogħġbu jeżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju. Id-dritt illi persuna suspettata jkollha avukat preżenti magħha waqt l-interrogazzjoni mill-investigatur daħal biss bit-trasposizzjoni fil-liġi Maltija ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat t'arrest Ewropew, liema bidla fil-Kodiċi Kriminali saret permezz tal-Att LI tal-2016. Għaldaqstant, fiż-żmien illi fih l-akkużat irrilaxxja l-istqarrija, huwa kien għadu prekluż mid-dritt illi jirrilaxxja l-istess stqarrija fil-preżenza t'avukat, liema dritt kien għadu mhux salvagwardjat mill-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

20. Id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni relevanti għall-każ in eżami huma s-segwenti:

> *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> *[...]*
>
> *(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
>
> *[...]*
>
> *(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
>
> *(c) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa*

*raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*[...]*

21. Mill-banda l-oħra, simili ħafna għal dak stabbilit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, id-dritt għal proċediment ġust kif salvagwardjat mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jikkonsisti wkoll f'illi:

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*[...]*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*[...]*

22. Kienu diversi l-okkażjonijiet fejn, kemm il-Qrati nostrana, kif ukoll il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, enunċjaw rwieħhom dwar sitwazzjonijiet simili għal dik mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna. Sfortuntament, matul iż-żmien, il-"linji-gwida", jew *"check-list"*, ta' rekwiżiti illi magħhom wieħed seta' jqis jekk stqarrija mogħtija mingħajr assistenza legali għandhiex tiġi kkunsidrata ammissibbli jew le, inbiddlu, b'dana illi, sal-ġurnata tal-lum, għadu m'hemm l-ebda linja ġenerali illi wieħed jista' jaqta' sabiex jiddetermina jekk effettivament każ bħal dak odjern

jikkostitwixxix leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

23. Għaldaqstant, għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti sejra l-ewwelnett tevalwa l-linja ta' ġurisprudenza f'dan ir-rigward, bil-ħsieb illi tieħu deċiżjoni informata bbażata fuq spunti meħuda minn konsiderazzjonijiet kemm tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-ogħla Qorti tal-pajjiż, u cioe l-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll ta' Qrati oħra nostrana;

## A. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem

24. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva illi r-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea , fis-sentenza fl-ismijiet ***Latimer v. The United Kingdom***[10] tagħmilha ċara illi:

> *[...] even if the primary purpose of Article 6, as far as criminal matters are concerned, is to ensure a fair trial by a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings. Thus, Article 6 – especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see* Imbroscia v. Switzerland *judgement of 24 November 1993, Series A no. 275, § 36;* Magee v. the United Kingdom*, no. 28135/95, ECHR 2000-VI, § 41). The manner in which Article 6 §§ 1 and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and/on the circumstances of the case. In its John Murray judgement (*John Murray v. the United Kingdom*, judgement of 8 February 1996, Reports of Judgments and*

[10] Application No 12141/04, 31 ta' Mejju 2005

*Decisions 1996-I, § 63), the Court also observed that although Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention, may be subject to restriction for good cause. The question, in each case, is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing.*

Dan kien preċiżament l-istess enunċjament illi kien sar mill-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet ***Öcalan v. Turkey***[11] mogħtija ftit jiem qabel. Jirriżulta għalhekk stabbilit illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jsibx biss applikazzjoni wara illi jibdew il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-persuna suspettata quddiem tribunal indipendenti u imparzjali, iżda hemm possibilta' wkoll illi jsib applikazzjoni fl-hekk imsejħa *pre-trial stage*, u cioe f'dak il-perjodu ta' żmien meta l-persuna suspettata tkun qed tiġi interrogata mill-investigaturi;

25. Wara illi rriaffermet dan il-prinċipju, il-Qorti Ewropea marret pass oltre fis-sentenza fl-ismijiet ***Salduz v. Turkey***[12], fejn spjegat:

*54. [...] the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96). At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become*

[11] Appl. Nru 46221/99, 12 ta' Mejju 2005, para 131 (GC)
[12] Appl Nr 36391/02, 27 ta' Novembru 2008 (GC)

*increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused (see Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 100, ECHR 2006-IX, and Kolu v. Turkey, no. 35811/97, § 51, 2 August 2005). Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination (see, mutatis mutandis, Jalloh, cited above, § 101). In this connection, the Court also notes the recommendations of the European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment (CPT) (see paragraphs 39-40 above), in which the CPT repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires*

*that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.*

26. Il-Qorti Ewropea stabbiliet għalhekk illi tnejn huma l-elementi illi kellhom jissussistu sabiex in-nuqqas t'assistenza legali waqt l-interrogazzjoni tkun ġustifikata, u cioe: (a) ***"compelling reasons to restrict this right";*** u (b) ***"such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6"***. In oltre, l-Qorti Ewropea kkonkludiet illi l-użu ta' stqarrija mogħtija mingħajr assistenza legali f'każ fejn persuna suspettata tkun inkriminat lilha nnifisha, kienet tikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tal-persuna suspettata ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Difatti rriteniet:

*58. Thus, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer in that his statement to the police was used for his conviction. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer nor the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during police custody. However, it is not for the Court to speculate on the impact which the applicant's access to a lawyer during police custody would have had on the ensuing proceedings.*

27. Eventwalment, il-Qorti Ewropea kellha wkoll l-opportunita' tistħarreġ l-ilment simili f'kawża illi tirrigwarda l-Liġi nostrana f'dik l-epoka, u cioe l-kawża fl-ismijiet ***Borg v. Malta***[13]. B'referenza wkoll għal dak illi kien ġie enunċjat f'*Salduz v. Turkey* suċitata, ir-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea sabet leżjoni tad-dritt fundamentali tal-applikant kif sanċit fl-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi:

> *61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see* Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all persons seeking the assistance of a lawyer at pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*
>
> *62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see* Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

28. Dak illi donnha kienet qiegħda tgħid il-Qorti Ewropea kien illi l-fatt biss illi d-dritt għal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jkunx jirriżulta mil-liġi, jikkostitwixxi, minnu nnifsu, leżjoni tal-Artikolu 6 tad-Konvenzjoni Ewropea;

[13] Appl Nru 37537/13, 12 ta' Jannar 2016 (Raba' Sezzjoni)

29. Madanakollu il-Qorti Ewropea eventwalment stabbilixxiet definizzjoni ta' dawk illi hija sejħet *"compelling reasons"*, jew *"raġunijiet impellanti"*, fis-sentenza fl-ismijiet ***Ibrahim and Others v. The United Kingdom***[14], fejn qalet illi:

> *258. The first question to be examined is what constitutes compelling reasons for delaying access to legal advice. The criterion of compelling reasons is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the first interrogation of the suspect, restrictions on access to legal advice are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see* Salduz*, cited above, § 54 in fine and § 55). It is of relevance, when assessing whether compelling reasons have been demonstrated, whether the decision to restrict legal advice had a basis in domestic law and whether the scope and content of any restrictions on legal advice were sufficiently circumscribed by law so as to guide operational decision-making by those responsible for applying them. To date, the Court has not provided guidance on what might be considered compelling reasons under this limb of the* Salduz *test. The compelling nature of the reasons advanced by a respondent Government to justify restrictions on legal assistance during police questioning must be assessed on a case-by-case basis, with reference ot the general criteria set out above.*

Il-Qorti Ewropea mbagħad għamlet referenza għal dak illi ntqal f'*Salduz* f'paragrafu 55 kif riprodott aktar 'il fuq, u nnotat kif, f'*Salduz*, il-Qorti Ewropea kienet xorta qieset jekk il-proċess fit-totalita' tiegħu kienx wieħed

[14] Appl Nri 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 40351/09, 13 ta' Settembru 2016 (GC)

ġust, u, b'mod partikolari, eżaminat l-impatt illi l-ammissjoni fl-istqarrijiet magħmula mingħajr assistenza legali kellhom fuq il-proċeduri meħuda fil-konfront tal-persuni suspettati fit-totalita' tagħhom. Konsegwentement qalet:

*262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial, it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (see paragraphs 250-251 above). The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.*

Tenut dan, iżda, il-Qorti Ewropea kompliet tispjega:

*263. The fact that the absence of compelling reasons is not, in itself, sufficient for a finding of a violation of Article 6 of the Convention does not mean that the outcome of the "compelling reasons" test is irrelevant to the assessment of overall fairness.*

*264. Where compelling reasons are found to have been established, a holistic assessment of the entirety of the proceedings must be conducted to determine whether they were "fair" for the purposes of Article 6 § 1. [...]*

*265. Where there are no compelling reasons for restricting access to legal advice, the Court must apply a very strict scrutiny to its fairness assessment. The failure of the respondent Government to show compelling reasons weighs heavily in the balance when assessing the overrall fairness of the trial and may tip the balance in favour of finding a breach of Article 6 §§ 1 and 3(d),* Schatschaschwili*, cited above, § 113). The onus will be on*

*the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice.*

30. Forsi l-aktar indaġini profonda illi saret f'dan ir-rigward mill-Qorti Ewropea, iżda, saret fis-sentenza fl-ismijiet ***Beuze v. Belgium***[15], fejn il-pożizzjoni tal-Qorti Ewropea ġiet preċiżata b'aktar kjarezza u dettall. Il-Qorti Ewropea bdiet billi, hekk kif ingħad f'*Salduz*, stqarret illi, *"compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings."*[16]. Stqarret ukoll illi d-drittijiet elenkati fis-sub-inċiż (3) tal-Artikolu 6 jikkontribwixxu sabiex jiġi assigurat smigħ xieraq[17], u li d-dritt ta' persuna akkużata illi tingħata assistenza legali ai termini tal-Artikolu 6(3)(c) hija waħda mill-elementi fundamentali illi jwasslu għal smigħ xieraq[18]. Irriteniet il-Qorti Ewropea dwar l-aċċess għal assistenza legali:

*124. Where a person has been taken into custody, the starting-point for the right of access to a lawyer is not in doubt. The right becomes applicable as soon as there is a "criminal charge" within the meaning given to that concept by the Court's case-law (see paragraph 119 above) and, in particular, from the time of the suspect's arrest, whether or not that person is interviewed or participates in any other investigative measure during the relevant period (see Simeonovi, cited above, §§ 111, 114 and 121).*

*[...]*

---

[15] Appl Nru 71409/10, 9 ta' Novembru 2018 (GC)
[16] Ibid., § 121
[17] Ibid, § 122
[18] Ibid, § 123

*125. Access to a lawyer at the pre-trial stage of the proceedings also contributes to the prevention of miscarriages of justice and, above all, to the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused (see Salduz, cited above, §§ 53-54; Blokhin, cited above, § 198; Ibrahim and Others, cited above, § 255; and Simeonovi, cited above, § 112).*

*126. The Court has acknowledged on numerous occasions since the Salduz judgment that prompt access to a lawyer constitutes an important counterweight to the vulnerability of suspects in police custody. Such access is also preventive, as it provides a fundamental safeguard against coercion and ill-treatment of suspects by the police (see Salduz, cited above, § 54; Ibrahim and Others, cited above, § 255; and Simeonovi, cited above, § 112).*

*127. The Court has also recognised that the vulnerability of suspects may be amplified by increasingly complex legislation on criminal procedure, particularly with regard to the rules governing the gathering and use of evidence (see Salduz, cited above, § 54, and Ibrahim and Others, cited above, § 253).*

*128. Lastly, one of the lawyer's main tasks at the police custody and investigation stages is to ensure respect for the right of an accused not to incriminate himself (see Salduz, cited above, § 54; Dvorski, cited above, § 77; and Blokhin, cited above, § 198) and for his right to remain silent.*

31. Il-Qorti Ewropea allaċċjat għalhekk id-dritt għal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mal-privileġġ ta' persuna suspettata illi ma tinkriminax

ruħha. Elaborat ukoll illi mhux biżżejjed illi wieħed jingħata d-dritt għal assistenza legali, iżda tali assistenza legali trid tkun effettiva, u, sabiex tkun effettiva, hemm numru ta' rekwiżiti illi għandhom jiġu sodisfatti, *inter alia*:

> *133. First, as the Court has already stated above (see paragraph 124), suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview (see Brusco, cited above, § 54, and A.T. v. Luxembourg, cited above, §§ 86-87), or even where there is no interview (see Simeonovi, cited above, §§ 111 and 121). The lawyer must be able to confer with his or her client in private and receive confidential instructions (see Lanz v. Austria, no. 24430/94, § 50, 31 January 2002; Öcalan, cited above, § 135; Rybacki v. Poland, no. 52479/99, § 56, 13 January 2009; Sakhnovskiy, cited above, § 97; and M v. the Netherlands, cited above, § 85).*
>
> *134. Secondly, the Court has found in a number of cases that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (see Adamkiewicz v. Poland, no. 54729/00, § 87, 2 March 2010; Brusco, cited above, § 54; Mađer v. Croatia, no. 56185/07, §§ 151 and 153, 21 June 2011; Šebalj v. Croatia, no. 4429/09, §§ 256-57, 28 June 2011; and Erkapić v. Croatia, no. 51198/08, § 80, 25 April 2013). Such physical presence must enable the lawyer to provide assistance that is effective and practical rather than merely abstract (see A.T. v. Luxembourg, cited above, § 87), and in particular to ensure that the defence rights of the interviewed suspect are not prejudiced (see John Murray, cited above, § 66, and Öcalan, cited above, § 131).*

*[...]*

*136. In addition to the above-mentioned aspects, which play a crucial role in determining whether access to a lawyer during the pre-trial phase has been practical and effective, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108).*

32. Finalment, il-Qorti Ewropea mbagħad ikkonkludiet:

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely*

*that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

(c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

(d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

(e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

(f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

(g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

(h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

(i) *the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by doestic law and practice.*

33. Għaldaqstant, wieħed jista' jara kif dak illi kien ġie enunċjat f'***Salduz***, ġie konsegwentement abbraċċjat, applikat u elaborat f'***Ibrahim and Others*** u f'***Beuze***, b'dana illi jidher illi ġie stabbilit illi t-testijiet illi għandhom jiġu applikati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 6 f'każijiet bħal dik in eżami huma tnejn: (a) jekk kienx hemm raġunijiet impellanti illi minħabba fihom ma ngħatax id-dritt t'assistenza legali, u (b) assessjar ta' jekk il-proċeduri fit-totalita' tagħhom kinux ġusti jew le. Fil-każ illi jissussistu raġunijiet impellanti illi minħabba fihom ma ngħatax id-dritt t'assistenza legali, il-Qorti għandha tikkonsidra t-totalita' tal-proċedura sabiex tindaga jekk, dan nonostante, ikunx ingħata smigħ xieraq; mentri, mill-banda l-oħra, il-Qorti għandha tkun aktar riġida fl-assessjar tagħha tal-proċedura fit-totalita' tagħha; fil-każ illi ma jissussistux tali raġunijiet impellanti, u dan sabiex tassigura illi jkun verament ingħata smigħ xieraq. Fi kwalunkwe każ, iżda, iż-żewġ testijiet għandhom jiġu applikati, u d-deċiżjoni tal-Qorti għandha tingħata a bażi ta' dak illi jirriżulta. In oltre, din il-Qorti tinnota wkoll il-Qorti Ewropea f'***Beuze*** marret pass oltre, u stabbilixxiet forma ta' *"check-list"* ta' dak illi jikkostitwixxi smigħ xieraq ta' proċess fit-totalita' tiegħu;

34. Dak li jirriżulta bħala punt ċert, iżda, huwa illi r-raġunament illi l-Qorti Ewropea għamlet f'***Borg***, donnu m'għadux jitqies bħala r-raġunament prevalenti għal każijiet bħal din in eżami, b'dana illi jidher illi llum huwa ben stabbilit illi l-fatt biss illi akkużat ma jkunx ingħata d-dritt għal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jistax jiġi kkonsidrat f'vakum, iżda għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-proċedura sħiħa fit-totalita' tagħha. Dan kuntrarjament għal dak illi kien ġie ritenut f'***Borg*** suċitata;

35. Difatti, kien preċiżament fuq dan il-binarju illi l-Qorti Ewropea ddeċidiet il-kawża fl-ismijiet ***Farrugia v. Malta***[19]. F'dak illi jirrigwarda t-test tar-raġunijiet impellanti, il-Qorti Ewropea sostniet:

---

[19] Appl Nru 63041/13, 4 ta' Ġunju 2019 (Tielet Sezzjoni)

> *105. The Court observes that the impugned restriction on the right of access to a lawyer in the present case was particularly extensive, as it derived from a lack of provision in the law and was applied throughout the entire pre-trial phase during which the applicant gave several statements.*
>
> *106. The Court reiterates that restrictions on access to a lawyer for compelling reasons, at the pre-trial stage, are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see Beuze, cited above, § 161). There was clearly no such individual assessment in the present case, as the restriction was one of a general and mandatory nature. Furthermore, the Government have failed to demonstrate the existence of any exceptional circumstances which could have justified the restrictions on the applicant's right, and it is not for the Court to ascertain such circumstances of its own motion (ibid., § 163).*
>
> *107. Thus, the Court finds that the restrictions in question were not justified by any compelling reason.*

36. Madanakollu, imbagħad, fl-applikazzjoni tagħha tal-*fairness assessment test*, il-Qorti nnotat illi (a) l-applikant ma kienx vulnerabbli; (b) l-applikant ma kienx allega illi kienet ġiet eżerċitata xi pressjoni fuqu jew illi dak illi stqarr fl-interrogazzjoni kien sar b'leżjoni ta' xi dritt fundamentali ieħor; (c) l-applikant kien ġie informat diversi drabi dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju; (d) f'dak il-punt ma setgħetx tiġi applikata r-regola t'inferenza minn xi Qorti; (e) l-applikant seta' għażel illi jibqa' sieket u ma jirrispondix għall-mistoqsijiet ilil sarulu, anke jekk dan ma kienx ifisser illi huwa kien irrinunzja għad-dritt għal avukat, liema dritt ma kienx għadu ġie stabbilit fil-liġi Maltija; (f) kien hemm evidenza oħra, apparti l-istqarrija, illi wasslet sabiex l-applikant jinsab ħati, u l-Qorti t'Appell Kriminali kienet ibbażat id-deċiżjoni

fuq din l-evidenza kollha, mhux biss fuq l-istqarrija, u dan minkejja l-fatt illi kienet innotat illi kien hemm xi diskrepanzi bejn stqarrija u oħra rilaxxata mill-applikant. Konsegwentement, il-Qorti Ewropea kkonkludiet hekk:

> *119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*
>
> *120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3(c) of the Convention.*

37. Il-pożizzjoni tal-Qorti Ewropea jidher għalhekk illi issa hija waħda ċara. M'hemm l-ebda linja waħda illi tista' tinqata' sabiex jiġi determinat jekk in-nuqqas t'assistenza legali waqt l-interrogazzjoni tikkostitwixxix leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, iżda Qorti għandha tapplika t-test tar-raġunijiet impellanti, u konsegwentement tqis jekk, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari illi jkollha quddiemha, il-proċeduri fl-assjem tagħhom kinux jilledu d-dritt għal smigħ xieraq jew le.

## B. Ġurisprudenza ta' Qrati Nostrana

38. Naturalment, il-Qrati nostrana mxew mal-prinċipji legali enunċjati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konsiderazzjoni tagħhom ta' każijiet bħal dak odjern;

39. Hekk, per eżempju, il-Qorti Kostituzzjonali strieħet fuq il-prinċipji stabbiliti f'***Salduz*** fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs***

***Avukat Ġenerali***[20], fejn, ikkonsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu, fosthom, *inter alia*, il-fatt illi l-applikant kellu esperjenza ta' interrogazzjoni u ma kienx fi stat vulnerabbli, il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda għażel li jwieġeb xorta, il-fatt illi ma kien hemm ebda xhieda jew allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ, u l-fatt illi l-applikant kien għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan iġib miegħu. Il-Qorti għalhekk ikkonkludiet illi ma kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq **iżda**, bħala garanzija addizjonali, ordnat illi kopja tas-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-eventwali ġurati illi kellhom jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xhieda li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid;

40. Wara illi ngħatat is-sentenza ***Borg v. Malta****,* il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza fl-ismijiet ***Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et***, reġa' kellha quddiemha każ ieħor ta' din ix-xorta, fejn l-attur ilmenta minn ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni għaliex itteħditlu stqarrija bla ma qabel tħalla jkollu l-għajnuna t'avukat. Għalkemm kienet kostretta illi tikkunsidra ***Borg*** bħala s-sentenza awtoritevoli dwar dan il-mertu, il-Qorti Kostituzzjonali għarfet illi l-insenjament f'***Borg*** lanqas kellu jiġi applikat b'mod iżolat:

> *17. Għalkemm din il-Qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta'* Charles Stephen Muscat *u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta'* Borg v. Malta *mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

[20] Appell Ċivili Nru 75/2010/1, Qorti Kostituzzjonali, 8 t'Ottubru 2021

*18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

*21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta'* ***Dimech*** *il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-*

*ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess. [...]*

41. Wara ***Beuze v. Belgium***, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet ngħatat is-serħan tal-moħħ u l-assigurazzjoni illi l-mod kif kienet qiegħda tiddeċiedi kawżi ta' din ix-xorta kien wieħed ġust u proporzjonat. Dana stante illi minn ***Beuze*** 'il quddiem, ġie aċċertat illi fi kwestjonijiet bħal dawk odjerni kellu jiġi kkonsidrat il-proċess kollu fit-totalita' tiegħu, u kellhom jiġu kkunsidrati wkoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Ma kien hemm l-ebda linja ġenerali illi wieħed seta' jaqbad u jaqta', u n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma baqgħetx tiġi kkunsidrata bħala leżjoni awtomatika tal-Art 6 tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni. Dan kuntrarjament għal dak illi kien intqal f'***Borg***;

42. Konsegwentement, wieħed jara illi, fir-referenza kostituzzjonali mogħtija fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Aldo Pistella***[21], fejn Pistella kien ngħata d-dritt illi jikkonsulta m'avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ta l-istqarrija iżda ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu u/jew id-dritt li jkun preżenti l-avukat tiegħu waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madanakollu, kif osservat fil-każ ta' <u>Malcolm Said</u>, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarita' – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna*

[21] Rik Nru 104/2016/1, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Diċembru 2018

*ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xhieda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzzjoni ma huwiex argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*

43. Minn hemm segwew sensiela ta' sentenzi f'dan is-sens, u d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali minn hemm 'il quddiem ħadu xejra pjuttost simili f'dak illi jirrigwarda ż-żewġ "testijiet" illi għandhom jiġu applikati f'każijiet ta' din ix-xorta. Il-każ fl-ismijiet ***Graziella Attard vs Avukat Ġenerali***[22] kien wieħed fejn l-attriċi ilmentat minn ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għaliex ma ngħatatx il-possibilta' illi tikkonsulta m'avukat qabel l-interrogazzjoni, fi żmien meta tali dritt kien għadu ma ġiex introdott fil-kodiċi penali Maltija. L-attriċi strieħet fuq dak illi kien ġie ritenut f'***Borg***, iżda l-Qorti Kostituzzjonali stqarret illi, fid-dawl tal-fatt illi r-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet warrbet il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' ***Borg*** fil-każ ta' ***Beuze v. Belgium***:

*9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Ġenerali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art 39 tal-Kostituzzjoni) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq trid tqis il-proċess kollu, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l-proċess kollu.*

[22] Rik Maħluf Nru 83/2016, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019

*10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilita', kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' <u>Borg</u> u f'dak ta' <u>Beuze</u> – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*11. Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madanakollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha.*

Il-Qorti spjegat ukoll ir-raġuni għalfejn kienet qed tikkonferma l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex l-istqarrija titneħħa mill-inkartament:

*18. Il-Qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrita' tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix il-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom*

*iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

44. B'referenza wkoll għall-prinċipji legali enunċjati f'***Beuze v. Belgium***, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello***[23], fejn kien ġie deċiż:

> *Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

Il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi l-istqarrija ma kinitx l-unika prova kontra Aiello, u li ma kienet tressqet l-ebda prova illi l-akkużat kien persuna vulnerabbli, bħalma lanqas tressqet xi prova illi l-istqarrija kienet ngħatat b'theddied, vjolenza jew wegħda. L-akkużat kien irrifjuta wkoll l-assistenza ta' avukat qabel l-interrogazzjoni, u għażel li xorta jwieġeb id-domandi li sarulu. Kien fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha illi l-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni illi l-istqarrija ma kellhiex tiġi skartata fil-proċeduri penali fil-konfront t'Aiello;

45. Fil-każ fl-ismijiet ***Roderick Castillo vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija***[24], minkejja illi eventwalment irriżulta illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tat sentenza illi biha skartat għal kollox l-istqarrija li ta l-appellat lill-pulizija proprju minħabba li ma kienx assistit minn avukat, u dan wassal sabiex l-appellat jinħeles mill-akkużi kollha proprju minħabba nuqqas ta' provi, b'referenza għal ***Farrugia v Malta****,* il-Qorti Kostituzzjonali xorta waħda osservat:

[23] Rik Nru 38/18, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2020
[24] Rik Nru 20/2016, Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Lulju 2020. Referenza għal din is-sentenza saret ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-digriet illi dwaru saret din ir-referenza kostituzzjonali

> *25. F'dak il-każ is-sejbien ta' ħtija tal-appellant ma kinitx bażata biss fuq l-istqarrijiet tal-akkużat, u kien għalhekk li l-QEDB ikkonkludiet li l-użu li sar minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali għal dak li jirrigwarda l-kredibilita', "... cannot be conisdered as having substantially affected his position". Ovvjament mhux l-istess fil-każ in eżami fejn l-istqarrija kienet l-unika prova kontra l-appellat, u l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet sew meta rrimedjat għal dak in-nuqqas proċedurali billi fis-sentenza qalet li "... mhix qiegħda tagħti każ tal-istqarrija li l-appellant għamel lill-uffiċjal investigattiv". Dak kien rimedju opportun għad-difett proċedurali fir-rigward tal-jedd li wieħed ma jinkriminax lilu innifsu wkoll fl-istadju ta' qabel beda l-proċess kriminali.*
>
> *26. Madanakollu, hemm ġurisprudenza tal-QEDB li jrid isir eżami tal-proċeduri kollha ('entirety of the proceedings') F'dan ir-rigward hi s-sentenza* ***Beuze v. Belgium****.*

46. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Rosario sive Sario Sultana v. Avukat Ġenerali u Spettur Louise Calleja[25],*** il-kwestjoni dwar jekk l-istqarrija kellhiex tintuża bħala prova kontra r-rikorrent ġiet riżolta b'digriet li tat il-Qorti Kriminali fil-kawża *Ir-Repubblika ta' Malta kontra Rosario sive Sario Sultana*, fejn ġie ordnat illi ma ssir ebda referenza għall-istqarrija ta' Sultana jew kull dikjarazzjoni oħra li seta' għamel fl-assenza tal-avukat tiegħu fil-*pre-stage proceedings*, u li dawn ma kellhomx jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati; iżda, madanakollu, filwaqt illi strieħet fuq *Beuze v. Belgium, Farrugia v. Malta* u *Stephens v. Malta*, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet *Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali, Graziella Attard v. Avukat Ġenerali* u għas-sentenza *Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello*, il-Qorti Kostituzzjonali osservat:

> *32. Bħala overall fairness, hu prematur li jingħad li l-istqarrija waħedha twassal għall-allegata vjolazzjoni tad-*

[25] Rik Nru 32/2015/1, Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Jannar 2021

*dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq. F'dan il-każ il-ġuri għad irid isir u għalhekk hemm garanziji oħra proċedurali li għad jistgħu jissalvagwardjaw id-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq.*

*33. Madanakollu, din il-Qorti diġa' għamlitha ċara f'sentenzi preċedenti li stqarrija li jkun ta suspettata lill-pulizija mingħajr ma kellu l-opportunita' li jkollu avukat preżenti, m'għandhiex tintuża f'proċeduri kriminali. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018.*

Sabiex waslet għal dan il-pronunzjament, il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat illi, minn banda waħda: (a) ir-rikorrent kien ġie mċaħħad mid-dritt ta' aċċess għall-avukat waqt l-interrogazzjoni, (b) il-konfessjoni kienet prova fiha nnifisha li tinkrimina lir-rikorrent fit-twettiq tar-reati, u (ċ) ir-rikorrent qal illi kien imbeżżża' u mbarazzat u qalbu maqtugħa li jitwemmen; iżda, mill-banda l-oħra: (a) huwa kien ingħata u uża d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, (b) kien imwissi li kellu l-jedd li jżomm is-silenzju, (ċ) ma kien hemm l-ebda prova illi huwa kien ilmenta dwar il-fatt illi ma ngħatax parir legali qabel għamel l-istqarrija minkejja illi kien ipprova jikkomunika mal-avukat tiegħu, (d) fil-proċeduri kriminali kellu kull opportunita' li jikkontesta l-ammissibilita' tal-istqarrija bħala prova, (e) ir-rikorrent kien qajjem dan l-ilment xi tliet snin wara li tressaq il-Qorti bħala akkużat, (f) huwa kien stqarr illi m'emminx lill-Pulizija meta qalulu illi setgħu jarrestaw lil bintu jekk jirriżulta illi ma kinitx qalet il-verita' meta allegat li kien stupraha, (ġ) huwa kien jaf x'qed tallega bintu qabel ġie arrestat, (g) l-interrogazzjoni tiegħu ma kinitx eċċessivament twila u ngħata l-ikel u l-mediċina li kellu bżonn sakemm dam il-*lock-up*, u (għ) l-istqarrija li ta lill-Pulizija ma kinitx l-unika prova kontra r-rikorrent. Għaldaqstant, wieħed jista' jinnota illi l-Qorti Kostituzzjonali applikat ukoll l-elementi fiċ-*"check list"* f'***Beuze*** sabiex tindaga jekk effettivament it-totalita' tal-proċeduri kinux iwasslu għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, u fid-deċiżjoni ma

kkunsidratx biss il-fatt illi d-dritt għal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma ngħatax lir-rikorrent;

47. Ftit jiem biss wara, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Clive Dimech vs Avukat Ġenerali***[26], il-Qorti Kostituzzjonali espremiet ruħha fuq l-istess binarju:

> *10. [...] Hu stabbilit li l-fatt waħdu li avukat ma jkunx preżenti waqt interrogazzjoni ta' persuna suspettata li wettqet reat u li ssir mill-pulizija, ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamnetali ta' smigħ xieraq. F'dan ir-rigward fis-sentenza* ***Graziella Attard v. Avukat Ġenerali*** *tas-27 ta' Settembru 2019, din il-Qorti wara li għamlet referenza ampja għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta'* ***Beuze v. Il-Belġju*** *(71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018, qalet:-*
>
> *"9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Ġenerali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u* ***illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq <u>trid tqis il-proċess kollu</u>, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l-proċess kollu."***
>
> *11. Wara s-sentenza tal-QEDB (Grand Chamber) tad-9 ta' Novembru 2018 fil-kawża* ***Beuze vs Il-Belġju*** *hu issa ċar li sabiex jiġi determinat jekk in-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, hu meħtieġ li qorti tikkunsidra l-proċess kriminali sat-*

[26] Rik Nru 175/2019, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021

*tmiem tiegħu. F'dan ir-rigward, in il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza l-iktar riċenti tal-QEDB,* ***Stephens v. Malta*** *(35989/14) tal-14 ta' Ottubru 2020.*

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi peress illi l-ġuri kien għad irid isir, u ma kienx magħruf x'ser ikun l-eżitu u xi provi ser ikun hemm dwar l-istqarrija illi saret mir-rikorrent, u peress illi l-istqarrija għażel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet illi sarulu, l-istqarrija ma kienet ser tkun tal-ebda preġudizzju għar-rikorrent; iżda, madanakollu, il-Qorti ordnat illi waqt il-proċeduri kriminali ma jsirx użu mill-istess stqarrija, hekk kif kien ġie wkoll deċiż *f'****Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et*** tal-5 t'Ottubru 2018 u ***Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella*** suċitata;

48. F'sentenza oħra mogħtija fl-istess jum fl-ismijet ***Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat***, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet ukoll referenza għal uħud mis-sentenzi suċitati, kif ukoll għal ***Salduz*** u ***Beuze***, u, tenut kont tal-fatt illli:

a. *"11. Evidenti li l-istqarrija fiha ammissjonijiet għal xi wħud mir-reati addebitati lill-attur fl-att ta' akkuża"*;

b. *"23. Rilevanti wkoll li fejn isir ġuri, kif ser isir f'dan il-każ, huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova"*;

c. *"26. Kif diġa' issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqararija fil-proċedura kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali."*;

d. *"27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura*

*adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest."*;

konsegwentement iddeċidiet:

*Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali* The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) *ma tippermettiz l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija.*

49. Finalment, f'dik illi jidher illi hija l-aktar sentenza riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'kawżi dwar mertu simili u/jew identiku għall-każ odjern, fis-sentenza fl-ismijiet ***Briegel Micallef vs L-Avukat Ġenerali***[27], il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:

> *7. Fl-ewwel lok din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-użu f'proċeduri Kriminali ta' stqarrija minn suspettat mingħajr ma jkun assistit minn avukat, dak il-fatt waħdu ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti jrid jiġi kkunsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu (ara wkoll sentenzi li semmiet l-ewwel Qorti fosthom* ***Farrugia v. Malta*** *(63041/13) tal-QEDB tal-4 ta' Ġunju 2019). Din hi l-pożizzjoni l-iktar riċenti li ħadet dik il-Qorti (ara wkoll per eżempju sentenza* ***Beuze v. Belgium*** *(71409/10) tad-9 ta' Novembru, 2018). Mhux l-istess jingħad dwar is-sentenza* ***A.T. vs. Luxembourg*** *(30460/13) tal-14 ta' Settembru 2015 li rrefera għaliha d-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni.*

[27] Rik Nru 101/2019/1, Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Ġunju 2021

F'dan il-każ, fl-istqarrija illi kien ta l-attur lill-pulizija kien qal fatti li jinkriminawh. Is-sejbien ta' ħtija kien ibbażat fuq provi oħrajn, u mhux biss fuq l-istqarrija, u l-attur kien ingħata t-twissija li għandu jedd li ma jitkellimx u li dak li jgħid jista' jinġieb bi prova. Għaldaqstant, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi, *"Dan ma kienx każ fejn id-deċiżjoni ta' kundanna fl-ewwel stadju kienet determinata fuq l-istqarrija li l-akkużat ta lill-pulizija mhux fil-preżenza ta' avukat, fi stadju ta' investigazzjoni. Lanqas mhu każ fejn hemm prova li l-istqarrija inġabret b'mod illegali u kontra r-rieda tal-attur."* Ikkunsidrat ukoll illi dan kien każ fejn il-kawża kriminali nstemgħet u ġiet deċiża minn Maġistrat, u mhux minn ġurati, illi kellha l-opportunita' tqis liema verżjoni li ngħatat quddiemha kienet l-aktar kredibbli, irrispettivament minn dak illi seta' ntqal waqt l-interrogazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Kostituzzjonali kienet ddeċidiet illi ma kienx hemm dubju, *"li bil-fatt li l-istqarrija tal-attur tibqa' fl-atti, [ma kinitx] ser taffettwa l-overall fairness tal-proċeduri Kriminali"* li kienu għadhom pendenti.

**C. Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)**

50. Finalment, din il-Qorti sejra tħares lejn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) illi tirrigwarda l-ammissibilita' o meno ta' stqarrija illi ngħatat qabel daħal id-dritt fil-Liġi Maltija għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni fil-*pre-trial stage*;

51. Kienu diversi s-sentenzi illi ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) f'dan ir-rigward, u minn riċerka illi għamlet din il-Qorti ta' sentenzi illi ngħataw matul dawn l-aħħar snin dwar l-istess mertu, irriżultalha illi m'hemm l-ebda linja dritta illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tiġbed meta tikkonsidra l-valur probatorju ta' stqarrija mogħtija mingħajr assistenza legali;

52. L-ewwel lok, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-maġġor parti tas-sentenzi minnha mogħtija dwar dan il-mertu, tfakkar punt kardinali dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali:

> *5. Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni tagħha. Issa huwa ndubitat illi, fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejħa 'pre-trial', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju.*[28]

53. Minn dan il-punt, imbagħad, kien hemm sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) għaddiet sabiex iddikjarat **ammissibbli** stqarrija mogħtija mingħajr assistenza legali. Hekk, per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello***[29], il-Qorti, wara illi qieset dak illi kien ġie ritenut mill-Qorti Ewropea f'***Beuze***, qalet:

> *16. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea* [cioe ***Beuze v. Belgium***] *ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna u dan għaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Dan għaliex, kif mistqarr f'dan il-pronunzjament, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, dan*

[28] Att tal-Akkuża Nru 03/2016 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut***, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 16 ta' Frar 2022. Ara wkoll, *inter alia,* Att tal-Akkuża Nru 03/2018, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello***, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Jannar 2021; Att tal-Akkuża Nru 7/2018, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan***, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Jannar 2021; Att tal-Akkuża Nru 14/2017, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ismael Habesh et***, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 22 ta' Settembru 2021; Att tal-Akkuża Nru 05/2017, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et***, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 t'Ottubru 2021.

[29] Att tal-Akkuża Nru 03/2018, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 27 ta' Jannar 2021

*setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.*

Sostniet imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali:

*17. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-każ* Beuze *ġewx segwiti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn xi forma ta' assistenza legali tkun ġiet mogħtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi a priori illi tiskarta prova li f'dan l-istadju għandha valur probatorju, <u>bil-fatt waħdu</u> illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan in-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kinux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji suriferiti.*

*18. Illi dak illi kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, allura, kien illi, mogħnija bil-provi diġa' ikkumpilati, abbażi tat-test imfassal fil-każ* Beuze*, tistħarreġ b'mod preliminari (u dan mingħajr ma tesprimi ruħha fil-mertu, billi dak jispetta biss l-imħallfin tal-fatt) jekk il-kriterji stabbiliti f'din id-deċiżjoni ġewx imħaddna u allura jekk bil-fatt illi l-appellat ma kellux avukat preżenti miegħu meta ġiet rilaxxata dik l-istqarrija setax*

*f'dan l-istadju tal-proċeduri vvizja dik il-prova mill-aspett tad-dritt penali.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali innotat illi l-akkużat ġie interrogat u ammetta l-involviment tiegħu, ma kienx persuna vulnerabbbli, u seta' jifhem in-natura tal-akkużi li kienu qed jiġu lilu addebitati. Il-Qorti kkonkludiet illi peress illi d-difiża kienet qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, u mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, u peress illi l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, ma kienx jirriżulta f'dak l-istadju tal-proċeduri illi l-istqarrija kellha tiġi skartata, u dan stante illi ma kienx nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma kien hemm l-ebda regola li teskludi l-ammissjoni tal-istess;

54. Madanakollu, il-Qorti ma waqfitx hawn. Fid-decide tagħha ddikjarat:

*24. Għaldaqstant, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu l-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat u jekk jirriżulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni* Beuze *hawn fuq iċċitata. Fuq kllox, għall-appellat dejjem jibqa' d-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.*

55. Fuq preċiżament l-istess raġunament u l-istess binarji ngħatat ukoll is-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan***[30], fejn il-Qorti kkunsidrat illi l-akkużat ma kien għamel l-ebda dikjarazzjoni inkriminatorja lill-Pulizija, u li l-istqarrija ma kinitx l-unika prova illi kienet ser

[30] Att tal-Akkuża Nru 7/2018, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 27 ta' Jannar 2021

iġġib il-Prosekuzzjoni fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Konsegwentement għaddiet sabiex tiddikjara illi l-istqarrija kellha valur probatorju u kellha titqies bħala prova ammissibbli;

56. B'mod simili wkoll ġie deċiż l-appell fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Jonathan Roger Portelli***[31], fejn il-Qorti osservat illi ma kienet inġabet l-ebda prova illi l-akkużat kien persuna vulnerabbli, illi l-akkużat kien ngħata parir legali qabel l-interrogazzjoni, u li l-istqarrijiet tiegħu ma kinux l-uniku prova li l-Prosekuzzjoni kienet bi ħsiebha tressaq matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, b'dana illi applikat għalhekk f'dan il-każ ukoll l-*overall fairness principle*;

57. Mill-banda l-oħra, iżda, kien hemm imbagħad sentenzi oħra fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ddikjarat l-istqarrija magħmula mingħajr assistenza legali bħala **inammissibbli**. Hekk, per eżempju, wieħed isib is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ismael Habesh et***[32], fejn l-akkużat kien inizjalment ġie interrogat dwar l-għejbien ta' persuna u sussegwentement beda jiġi interrogat b'rabta mal-omiċidju tal-istess persuna. Il-Qorti tal-Appell innotat kif il-Prosekuzzjoni ma kinitx qed tistrieħ unikament fuq dawn l-istqarrijiet bħala provi f'dan il-każ, u li l-akkużat kien bidel xi ftit il-verżjoni tiegħu minn meta ta l-ewwel stqarrijiet b'rabta mal-għejbien għal meta ta l-istqarrijiet b'rabta m'omiċidju. Għaldaqstant, iddeċidiet kif isegwi:

> *21. Illi d-direzzjoni li qed tiġi mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u cioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, jew inkella, bil-fatt illi ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri*

[31] Att tal-Akkuża Nru 14/2018, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 22 ta' Settembru 2021
[32] Att tal-Akkuża Nru 14/2017, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 22 ta' Settembru 2021

*penali istitwiti kontra tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati, bħalma ġew ravviżati ukoll mill-Qorti Kriminali qabilha, ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.*

58. Hekk ukoll ġie deċiż fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et***[33], fejn il-Qorti osservat illi l-akkużat kien ingħata s-solito twissija qabel ta l-istqarrija, u għażel li jużufruwixxi ruħu mill-jedd tiegħu għas-silenzju. Il-Qorti nnotat illi ċertu tweġibiet fl-istqarrija setgħu ikunu inkriminatorji, u li dan seta' jsarraf fi preġudizzju irrimedjabbli għall-akkużat, anke jekk ikun assistit minn avukat fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Konsegwentement għaddiet sabiex tordna illi ma kellu jsir l-ebda użu mill-istqarrija rilaxxata minn Kevin Gatt fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri;

59. L-aktar sentenza riċenti f'dan ir-rigward kienet dik fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut***[34], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) reġgħet ikkonfermat l-istess insenjament u rriteniet:

*12. Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, huwa indubitat illi l-istarrija pre-trial magħmula mill-appellat, kif sussegwentement minnu ġġuramentata, hija prova determinanti f'dan il-proċess penali, u dan għaliex din hija inkriminatorja. L-appellat fil-mument li kien arrestat jidher li kien ferm vulnerabbli, għalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti kien raġel matur ta' tmienja u għoxrin sena. Kien konfuż, u anzjuż. Kien riluttanti meta mitlub mill-pulizija biex ikellmuh. Lanqas seta' jiftakar in-numru taċ-ċellulari li kellu. Ma hemmx dubbju illi l-appellat lanqas ingħata l-possibilta' jitlob*

[33] Att tal-Akkuża Nru 05/2017, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 27 t'Ottubru 2021
[34] Att tal-Akkuża Nru 03/2016, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 16 ta' Frar 2022

*li jkun assistit minn avukat, ukoll għaliex f'dak iż-żmien il-liġi ma kenitx tagħtih dan id-dritt. Jidher li kienu biss il-pulizija li bdew jippruvaw ikellmu lill-appellat, x'diskors eżatt ingħad din il-Qorti ma tistax tgħid għaliex ma jirriżultax mill-atti, iżda żgur li l-appellat kien qed ikun mitlub jikkopera magħhom.*

*13. Illi dan kollu seħħ, kif ingħad, u kif anke stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta l-appellat ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, bit-twissija li tingħata tkun dik viġenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, u injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistqosijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellat għalkemm fl-Istruttorja kien debitament assistit kif ukoll fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tad-09 ta' Settembru 2009 kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellat ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu, hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellat wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid ikun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta l-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija rilaxxata mill-appellat lil pulizija, u ftit tal-ħin wara ġġuramentata quddiem l-Inkwirenti, tista' tkun vvizzjata minħabba l-fatt illi l-appellat ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq f'mument meta huwa kien vulnerabbli, u ma kienx assistit, kif indikat iktar 'il fuq, u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma*

*jistgħu bl-ebda mod ikunu sanati anke jekk l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizzjaw l-istqarrija magħmula mill-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qort twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-preġudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellat f'każ li l-istess tkun ammess, huwa indubitat illi l-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha.*

60. Minkejja d-diverġenzi bejn grupp ta' sentenzi u ieħor, jidher illi hemm tema prinċipali illi tidher applikata f'kull kawża, u cioe t-test tal-*overall fairness* kif enunċjat f'***Beuze***. Difatti, jirriżulta b'mod mill-aktar ċar mill-ġurisprudenza suċitata illi din hija preċiżament ir-raġuni għalfejn kawża tiġi determinata b'mod differenti minn kawża oħra mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u cioe stante illi l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, u tindirizza kull każ fil-mertu tiegħu. Din hija tema illi tirriżulta wkoll b'mod evidenti mill-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali kif spjegat ukoll aktar 'il fuq.

**D. Il-Każ in Eżami**

61. Din il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tapplika l-prinċipji legali enunċjati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti Kostituzzjonali, considerando wkoll il-prinċipji legali ritenuti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), għall-każ in eżami;

62. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi, hekk kif ġie ritenut ukoll mill-Qorti Ewropea u l-Qorti Kostituzzjonali f'ġurisprudenza suċitata, ma kien hemm l-ebda raġunijiet impellanti (*"compelling reasons"*) illi minħabba fihom Agius ma ngħatax il-possibilita' illi jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx tal-istqarrija. Dan id-dritt ma ngħatalux sempliċiment għaliex kien għadu mhux

kontemplat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta Agius irrilaxxa l-istqarrija, u għal ebda raġuni oħra;

63. Fit-tieni lok, imbagħad, f'dak illi huwa t-test tal-*"overall fairness of the proceedings"*, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

(a) Ma nġabet l-ebda prova illi Agius kien vulnerabbli meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Minkejja illi huwa minnu illi l-**Ispettur Rennie Stivala**, fix-xhieda tiegħu[35], jgħid illi, "*Konna jiena, hu u s-supretendent u mill-mod ta' kif beda jirrispondini, beda jurini li qed jibża' minn terz li kien hemm behind ir-reat li konna qegħdin ninvestigaw"* u li *"kien jidher li qisu qiegħed taħt, taħt stress, ejja ngħidulu hekk"*, jispjega aktar tard l-Ispettur illi, *"l-atmosfera kienet kalma, ma kellniex xi ngħidu. Qatt ma kelli problemi waqt l-istqarrija"* u, *"Pero', linea di massima, waqt l-investigazzjoni u waqt l-istqarrija, l-ambjent kien kalm. Jiġifieri bil-qiegħda magħna, jitkellem magħna, normali."* Dan juri illi jekk Agius kien preokkupat b'xi ħaġa, dan kien bit-terz illi huwa jsostni illi wettaq ir-reat, u mhux bil-fatt innifsu illi kien qiegħed jiġi interrogat, jew bil-linja ta' mistoqsijiet illi kienu qed isirulu;

(b) Huwa fatt mhux kontestat illi Agius ngħata l-possibilta' illi jkollu aċċess għal assistenza legali qabel l-interrogazzjoni, iżda volontarjament irrinunzja għal dan id-dritt. Dan kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni kif esebita kemm fil-proċess tar-rikors in eżami[36], kif ukoll mill-atti tal-proċedura penali;

(c) Huwa fatt mhux kontestat illi Agius ġie informat bid-dritt tiegħu illi ma jirrispondix għall-mistoqsijiet illi kienu qed isirulu, u huwa kkonferma illi kien fehem din it-twissija fl-istqarrija rilaxxjata minnu stess. Difatti, it-twissija tinsab ukoll printjata b'tipa skura fuq id-dokument tal-istqarrija stess[37]. Agius għażel liema mistoqsijiet kien lest jirrispondi u

---

35 Xhieda mogħtija viva-voce waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021
36 Vide **Dok RS2** esebit mill-Ispettur Rennie Stivala waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 quddiem din il-Qorti
37 Vide **Dok RS1** esebit mill-Ispettur Rennie Stivala waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 quddiem din il-Qorti

pprevalixxa ruħu mid-dritt għas-silenzju f'mistoqsijiet illi ħass illi ma kellux jirrispondi;

(d) Ma saret l-ebda allegazzjoni, u lanqas inġabet xi prova, illi l-istqarrija ttieħdet b'xi forma ta' vjolanza, theddid, jew bil-wegħda illi Agius jingħata xi ħaġa lura jekk iwieġeb b'ċertu mod;

(e) Minkejja illi huwa minnu illi fl-istqarrija tiegħu Agius ipoġġi lilu nnifsu preċiżament fil-lok u fil-ħin illi fih qiegħed jiġi allegat illi sar ir-reat, Agius jsostni l-innoċenza tiegħu u jinsisti illi kien terz illi uża t-trakk tiegħu sabiex iwettaq ir-reat, u, għalhekk, illi ma kienx hu stess illi wettaq ir-reat. Għaldaqstant, l-istqarrija teknikament ma tinkludix ammissjoni ċara u definittiva illi Agius wettaq ir-reat u/jew kien konsapevoli tal-fatt illi kien ser isir ir-reat, iżda sempliċiment illi jista' jkun illi l-persuna illi huwa qiegħed jallega illi talbitu aċċess għat-trakk kienet l-istess persuna illi wettqet ir-reat;

(f) Agius ta biss stqarrija waħda, u ma ġiex pruvat illi f'xi punt ikkontesta xi parti minnha jew bidel il-verżjoni tiegħu;

(g) Il-Prosekuzzjoni kkonfermat illi din mhix l-unika prova illi għandha fil-konfront t'Agius. Difatti l-**Ispettur Rennie Stivala** fix-xhieda tiegħu jikkonferma, *"L-istqarrija ftit tista' tagħmel provi kontra l-imputat pero' l-provi huma l-filmat tas-CCTV li ġie meħud mill-Freeport, nies li għarfu t-trakk ta' min hu, il-liċenzja ta' min hi, min daħal biex jgħabbi, min daħal – it-trakk u daħal, jiġifieri hemm provi",* u jkompli jgħid, *"F'dan il-każ, l-istqarrija ma tantx ipprovdiet elementi ta' prova għaliex propju avvalixxa ruħu mid-dritt tiegħu li ma jweġibx u ħadd ma jieħu għalih. Dan huwa dritt tas-suspettat."*;

(h) Dan il-każ qiegħed jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u għalhekk mhux ser jiġi deċiż minn ġurati. Konsegwentement, hija Maġistrat illi taf twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija tenut kont taċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ illi sejra tiddeċiedi l-każ odjern, u m'hemm l-ebda biża' illi ser jiġi deċiż minn

ġurati illi forsi ma jaslux jifhmu l-valur probatarju tal-istqarrija u referenzi għall-istess. Dan il-fatt, minnu nnifsu, għandu jagħti serħan tal-moħħ lil Agius illi d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq sejrin jiġu pienament salvagwardati;

64. Fit-tielet lok, din il-Qorti tirreleva illi, hekk kif ġie spjegat f'ġurisprudenza suċitata, il-proċeduri penali fil-konfront t'Agius għadhom pendenti, u għalhekk kwalsiasi dikjarazzjoni illi kien hemm leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq f'dan il-punt jaf ikun prematur. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi hemm diversi ġaranziji oħra proċedurali illi ġia ssalvagwardjaw, u għad jistgħu jissalvagwardjaw, id-dritt t'Agius għal smigħ xieraq;

65. Il-Qorti tfakkar illi dak illi qiegħed jiġi hawnhekk mitlub minnha huwa illi tiddeċiedi, *"jekk id-Digriet datat 10 ta' Mejju 2021 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi – in kwantu ddikjarat li l-istqarrija tiegħu magħmula mingħajr il-presenza ta' Avukat, u kwalunkwe referenza għall-kontenut tal-istqarrija u għal dak li seta' qal mingħajr il-presenza tal-Avukat huma f'dan l-istadju tal-provi tal-esponent ammissibbli – tiksirx id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"*;

66. Din il-Qorti, iżda, tfakkar ukoll illi dak illi għalkemm huwa minnu illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2021 ddikjarat l-istqarrija u kwalunkwe referenza għaliha bħala ammissibbli, l-istess Qorti kkwalifikat din id-deċiżjoni b'dan il-mod: *"bir-riserva li 'l quddiem u fl-istadju opportun fil-Konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tosserva u tapplika l-prinċipji minnha ċitati fid-Digriet dwar l-ammissibilita' o meno tal-imsemmija stqarrija"*;

67. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, għalhekk, illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kull ma qalet kien illi f'dan l-istadju l-istqarrija u kull referenza għaliha huma ammissibbli, **<u>iżda madanakollu m'eskludietx illi, ġialadarba tkun qed tagħmel il-Konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, tiskarta l-istqarrija</u>**

**<u>kompletament fid-dawl tal-prinċipji legali enunċjati f'ġurisprudenza ċitata saħansitra anke f'din id-deċiżjoni</u>**;

68. Konsegwentement, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami kif spjegati aktar 'il fuq, din il-Qorti hija tal-fehma illi mhux talli d-digriet tal-10 ta' Mejju 2021 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma llediex id-drittijiet fundamentali t'Agius kif sanċiti mill-Art 6 tal-Konvenzjoni u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, iżda talli bid-digriet tagħha stess, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, meta ddikjarat illi l-istqarrija bħala prova hija ammissibbli u rriservat illi terġa' tirrevedi l-pożizzjoni tagħha aktar 'il quddiem, preċiżament hekk kif ikunu ntemmu l-proċeduri penali u jkollha quddiemha l-proċess sħiħ u *overview* tal-proċedura sħiħa fit-totalita' tagħha, hija tat assigurazzjoni lil Agius illi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ma kienx ser jiġi preġudikat. Huwa f'dak il-punt illi jkun jista' verament jiġi applikat l-*overall fairness test*, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għarfet dan il-punt u antiċipatu permezz tad-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2021.

**Decide**

69. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddeċiedi dwar ir-referenza kostituzzjonali lilha magħmula billi:

i. **<u>Twieġeb</u>** għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Mejju 2021, billi ssib illi d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali mogħti fl-10 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Rokku sive Rocky Agius*** **<u>ma jiksirx</u>** id-drittijiet fundamentali t'Agius kif sanċiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

ii. **<u>Tordna</u>** illi kopja ta' din is-sentenza tiġi allegata mal-atti proċesswali tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

iii. **Tordna** illi l-atti jiġu rinvijati għall-ġudizzju lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Bl-ispejjeż kollha relatati mal-provvediment tal-lum a karigu ta' Rokku sive Rocky Agius.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**